Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2010/1

**Saviour Tabone**

**vs**

**Carmel Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat li fil-21 ta' Jannar 2011, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*' It-Tribunal,*

*Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghas-somma ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha*

*u tletin centemzi (€2,329.37) rapprezentanti rifuzjoni ta' ammont mhallsa darbtejn lill-konvenut mill-attur.*

*Illi l-partijiet kienu jinegozjaw flimkien u kellhom kont fil-konfront ta' xulxin u l-partijiet kienu qablu xi xhur qabel li giet intavolata l-kawza li jissaldaw il-kontijiet ta' bejniethom.*

*Illi bi zball l-attur hallas il-konvenut s-somma fit-talba wara li l-konvenut inkluda dan l-ammont darbtejn fil-kont minnu mahrug u minkejja li l-konvenut gie interpellat jirrifondi dan l-ammont il-konvenut naqas milli jirrifondi s-somma mitluba.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Ottubru 2009 u bl-imghaxijiet skont il-ligi, il-konvenut imharrek in subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-atturi mhux talli ma hallsux darbtejn, talli l-anqas biss hallsu l-imghax fuq elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centemzi (€2,329.37) mertu ta' din il-kawza u dana minkejja li huma damu 'l fuq minn seba' snin biex ihallsu lura l-istess ammont.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha imsejjah.*

*Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.*

*Sema x-xhieda ta' Saviour Tabone, Georgina Tabone u Carmel Attard.*

*Ra n-Nota tal-Avukat difensur ta' l-attur.*

*IKKUNSIDRA*

*Illi dan il-kaz jitratta dwar radd lura ta' hlas zejjed ta' €2,329.37 gia LM1000 . Gie allegat mill-attur li l-hlas ta' LM1000, mertu tal-kawza sar bi zball u thallas ghall-darbtejn. Illi mill-provi prodotti mill-konvenut jirrizulta li ma kienx hemm zball u m'huwiex minnu li l-attur hallas €2329.37 gia LM1,000 darbtejn. Rrizulta li l-partijiet mhux biss ilhom jafu lil xulxin tul hafna snin izda jigu wkoll minn xulxin. Illi il-partijiet huma persuni li jinnegozzjaw fil-bhejjem u kienu jinnegozjaw il-bhejjem bejniethom. Gara li f'xi zmien ghal habta tas-sena 2004, l-attur kien silef LM6,000 ta' dak iz-zmien minghand il-konvenut peress illi kellu bzonn il-flus sabiex jixtri xi bhejjem u sa sa sena wara s-self tnaqqas b'LM5,000 minn dak l-ammont u l-attur kellu jaghti lill-konvenut is-somma ta' LM1000 eskluzi l-imghax. It-Tribunal huwa sodisfatt illi minn naha tal-konvenut s'hawnhekk ma hemmx kontestazzjoni.*

*Mill-provi tal-attur rrizulta li huwa jahdem bhala bidwi w jrabbi ukoll il-bhejjem. Intqal li ghal numru kbir ta' snin il-partijiet kienu jnnegozjaw il-bhejjem bejniethom billi jixtru u jbieghu lil xulxin. Mill-provi gie stabbilit li peress illi kienu jinnegozzjaw fl-istess xoghol mhux dejjem kien isir il-hlas bi flus izda in-negozju kien jigi pacut b'negozju iehor.*

*L-attur qal illi fl-2004, wara li kien hallas LM5,000 mid-debitu ta' LM6,000, skont dokument ST1 kien ghad fadallu jhallas bilanc ta' LM1,888 xi jrodd lura lill-konvenut. Illi minnhom, LM1000 kienu jikkonsistu fil-parti tas-self rimanenti u kien fadal jaghtih LM404 ta' xi bhejjem negozjati bejniethom u LM480 imghax fuq il-LM1,000 mislufa. Illi ghalkemm ma ntqalx bejn il-partijiet, lit-Tribunal jirrizultalu li l-imghax ta' LM480 kien ta' 8% fuq LM6,000 ghal sena shiha. Dan il-kont baqa' jidher fuq is-sistema konfuzjonarja ta' 'ricevuti' ezebiti sal-2006. Illi skont l-attur, il-konvenut fl-2006 kien tah kont iehor li kien telgha ghal LM2,860 u spjega kif dan il-kont gie saldat dejjem fl-2006 u thallas permezz tan-negozju li sar bejniethom. In sostenn ta' dan qal li Dok ST2 datat 21 ta' Marzu 2006 huwa mmarkat bhala PAID, u l-kelma PAID qieghda fuq quddiem tad-dokument ezebit. Intqal mill-attur ukoll illi fl-2008 huwa kien bejgh lill-konvenut xi oghgol fis-somma ta' LM570 ta' dak iz-zmien. Ili t-tielet*

*dokument immarkat ST3 huwa kont datat f'Marzu 2008, imhejji mill-konvenut, fejn gie mnizzel li l-attur kellu jaghti lill-konvenut LM1,261, li minnhom kellhom jitnaqqsu LM570 tal-oghgol u b'kollox kien jibqa' LM691. Illi dan il-kont reggha gie saldat tramite negozju ta' tpacija li sar bejniethom, liema kont huwa datat 6 ta' Settembru, 2008 (Dok ST4) u ghaldaqstant ma kellu jaghti xejn aktar lill-konvenut. Illi l-kontijiet tal-konvenut kienet izzomhom il-mara ta' huh li kienet izzomm 'il-book keeping' tan-negozju. Dejjem skont l-attur, wara li l-kont gie saldat f'Settembru 2008 a fol 15 (Dok ST4), l-attur qal li xi ftit wara ntebah illi huwa kien hallas LM1,000 ghal darbtejn. Qal illi ghalkemm id-debitu ta' LM1,000 kien diga gie saldat, bi zball halla li jitnaqsulu LM1000 ohra. Dan jirrizulta skont dokument ST4 meta fis-17 ta' April 2009 il-konvenut reggha naqqaslu xi bhejjem mill-kont, meta dan il-kont kien qieghed jerga' juri debitu fuq is-self. Meta l-attur kien avvicina lill-konvenut sabiex jinformah illi huwa kien hallas darbtejn, il-konvenut ma qabilx izda wara certu zmien, b'turija ta' rieda tajba, u minhabba l-parentela ta' bejniethom, il-konvenut kien offrielu li jhallas LM500.*

*In kontro ezami, l-attur spjega li huwa kien hallas LM1,000 fl-2004 u LM1,000 ghat-tieni darba fl-2008. Qal ukoll illi l-hlas kien sar permezz ta' tpacija bil-bhejjem.*

*Min naha tal-konvenut din il-verzjoni tal-attur dwar il-hlas ta' LM1000, li sar allegatament ghal darbtejn giet kontradetta bil-qawwa u sostna illi m'huwiex minnu li l-konvenut jrodd lura lill-attur l-ammont fit-talba.*

*It-Tribunal ra lli d-dokumenti kollha elenkati mill-attur huma ftit li xejn felici. Illi dawn il-kontijiet/ricevuti huma ppreparati fuq dokumentazzjoni ppreparata mill-konvenut. Illi ghalkemm skont id-data tal- 'Cash Sale'/Invoice' a fol 12 u a fol 16 huma datati 2004, l-istess Cash sale/invoices hawn imsemmija huma ukoll entrati bhala li saru fl-2005. Illi jirrizulta lit-Tribunal li skont DOK ST1 a fol.12 sa Marzu 2005, l-ammont ta' LM1,000 kien ghadu ma giex saldat. Illi dan il-kont ta' LM1,888 baqa' jidher sa Novembru 2005 u sahansitra, skont DOK ST2 datat 21 Marzu 2006, l-ammont ta' LM1888 zdied ghal LM2878 li rrizulta bhala*

*PAID. Illi s'hawnhekk, il-konvenut qabel, izda ma qabilx illi dak il-kont li rrizulta bhala PAID kien jinkludi ukoll l-LM1,000 rimanenti bhala self.*

*Illi skont Dok ST3, datat Marzu, 2008 il-konvenut kien fadallu jiehu LM691 mill-attur. Dan l-ammont reggha deher fuq bicca karta ohra bid-data 26 April 2008 a fol. 15 skont Dok ST4, liema debitu gie finalment saldat f'April 2009, skont dokumentazzjoni ppreprata minn naha tal-konvenut.*

*It-Tribunal ghandu quddiemu kawza illi ftit li xejn hija msahha b'dokumentazzjoni cara mid-daqqa' t'ghajn. Jirrizulta lit-Tribunal ukoll li l-'book keeping' tal-partijiet kien isir fuq 'invoice/cash sale book' u kull darba li kien ikun hemm xi hlas dan kien jinqata' minn fuq l-istess karrta jew fuq bicca karta ohra. Illi huwa car lit-Tribunal, li ma kienx hemm rendikont ordnat u serju tant illi hija l-fehma tat-Tribunal illi ghalkemm l-attur ma jiftakarx id-dati sewwa u kompla jzid mad-dokumentazzjoni konfuzjonali mad-daqqa' t'ghajn tal-partijiet, l-attur huwa cert huwa cert illi huwa hallas lura l-LM1,000 konsistenti f'self, ghal darbtejn.*

*It-Tribunal ra kif tul is-snin il-partijiet kienu jiftiehmu bejniethom u jhazzu jirrangaw fuq bicca karta ghaliex kienu jafdaw 'l xulxin. Din is-sistema hadmet ghal hafna snin, izda meta fl-ahhar ma bdewx jaqblu fil-kunteggar, huma kellhom biss dawn il-biccciet ta' karti mizmuma bejniethom bhala l-prova tal-hlasijiet u tpacika ta' bejniethom. Illi dawn il-bicciet ta' karti konfuzjonarji ma' d-daqqa t'ghajn, huma d-dokumentazzjoni kollha li giet ezebita in atti in sostenn tat-talba tal-attur.*

*Sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa ghal dan il-kaz, it-Tribunal m'ghandux ghazla ghajr illi jifli b'lenti mparzjali, t-thazziz kif dokumentat mill-konvenut u hekk ghamel it-Tirbunal.*

*It-Tribunal ra wkoll illi wara certu zmien il-kontabilita' tal-konvenut kienet qieghda tiehu hsiebu l-mara ta' hu l-attur, certa Georgina Tabone u b'xi mod s-sistema ta'*

*kontabbilita' bdiet tirranga. Izda jirrizulta li l-entries ezebiti minnha in sostenn tax-xhieda taghha lanqas ma rrizultaw kif suppost u ghaldaqstant, it-Tribunal m'huwiex ha jiehu konjizzjoni taghhom sabiex jikkonkludi fuq dan il-kaz.*

*It-Tribunal wara li ra bir-reqqa' d-dokumentazzjoni imhazza u wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu huwa sodisfatt li l-konvenut kien diga thallas mill-attur, izda mhux skont id-data imsemmija fix-xhieda tal-attur izda skont id-dokumenti ezebiti minnu.*

*It-Tribunal ra u sema lill-konvenut jikkonferma lli sal-21 ta' Marzu, 2006, sar hlas mill-attur fis-somma ta' LM2,878 Dan id-debitu kien l-istess debitu naxxenti minn Novembru 2005 li fih kien jinkludi s-somma ta' LM1,000 li kien ghad baqalu jhallas. Illi l-kont fejn hemm miktub il-kliem PAID a fol. 13 ( Dok ST2) huwa ripproduzzjoni tal-kont imnizzel a fol. 16 (Dok ST5) fejn hemm imsemmi li fit-22 ta' Novembru 2005 sar certu negozju, kif ukoll sar negozju iehor kemm fis-27 ta' Frar 2006 u kemm fit-3 ta' Marzu 2006. Illi dan il-kont ta' LM2,878 ghalhekk jirrizulta li gie saldat sal-21 ta' Marzu 2006. Illi f'dan il-kont li kien gie saldat f'Marzu tal-2006 kien hemm il-flus mislufa lill-attur fis-somma ta' LM1,000 kif ukoll LM480 imghax fuqhom, kif ukoll ammonti ohra ta' negozju fis-somma ta' 408 ta' dak iz-zmien.*

*Ra li sussegwentament fuq bicca karta imqatta' a fol. 14 ( Dok ST3) datata biss ' 3 – 2008 ' u cioe' Marzu 2008 il-konvenut rega' nizzel is-somma ta' LM1,000 li baqghet tidher bhala somma ghadha dovuta mill-attur, u l-izball minn naha tal-konvenut sar sentejn wara li diga kien saldat l-ammont ta' LM1,000.*

*Illi l-izball jirrizulta li sar meta s-somma regghet giet ripprodotta mhux biss a fol 14 (Dok ST3) izda ukoll a fol 15 (Dok ST4) fuq bicca karta ohra imqatta.' F'dan l-ahhar zewg dokumenti jirrizulta car u minghajr ebda ekwivoku li dak l-ammont reggha gie pacut mill-attur sa April 2009 minkejja li d-debitu kien saldat f'Marzu 2006. Dan ifisser illi l-konvenut ircieva mill-attur LM1,000 ghal darbtejn.*

*It-Tribunal huwa sodisfatt, illi l-provi dokumentali ta' thazziz, mmarkati bhala ST1, ST2, ST3, ST4 u ST5 u prodottti mill-attur, jirrizultaw cari u inekwivoci BISS wara indagini bir-reqqa li ghamel it-Tribunal.*

*It-Tribunal jirrimarka li bejn meta LM1,000 gie saldat u cioe' f'Marzu tal-2006 u bejn meta l-partijiet regghu ghamlu negozju bejniethom mill-gdid u cioe' f'Marzu 2008 kienu ghaddew* ***sentejn****. Illi rrizulta mill-provi li fl-2008 il-konvenut hareg kont lill-attur ( Dok ST3 a fol 14) fejn rega' tnizzel id-debitu li kien gie saldat sentejn qabel u l-attur ma kienx intebah bl-izball dak inhar. Kien biss wara l-ahhar kont fl-2009 u wara li temmghu jinnegozjaw li ntebah bl-izball ta' doppja kontabilita' li kienet saret izda meta huwa avicina l-konvenut, il-konvenut ma kienx ta' l-istess fehma. Il-konvenut baqa' bl-istess fehma, ghalkemm b'turija ta' rieda tajba minhabba l-hbiberija antika u l-parentela li kien hemm bejniethom, offra lli l-ammont jinqasam bin-nofs.*

*Fil-fehma tat-Tribunal, din il-kawza hija rizultat ta' sistema ta' kontabilita' konfuzjonarja u ta' tahwid ta' mohh, li kienet tinftiehem biss bejn il-partijiet u ghal certu zmien qasir biss. Illi mad-daqqa t'ghajn, id-dokumentazzjoni prodotta hija biss ripproduzzjoni ta' thazziz ta' numri. Izda dan it-thazziz wara li gie studjat bir-reqqa' rrizulta li dak li kien qieghed jghid l-attur huwa minnu.*

*Illi hija l-fehma tat-Tirbuanl li din il-kawza setghet tigi evitata kieku l-partijiet bil-kalma poggew bil-qieghda u ppruvaw jifhmu d-differenzi ta' bejniethom, u raw li t-tieni darba liLM1,000 kienet giet entrata kienet sentejn wara l-ahhar negozju ta' bejniehtom. izda minflok ghazlu li ma jaqblux.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal, fuq il-provi migjuba quddiemu wasal ghal konkluzzjoni li l-attur ghandu jigi rifuz is-somma ta' €2329.37 gia LM1000 zejda li huwa hallas bi zball lill-konvenut mill-2008 'l quddiem. Illi kieku l-partijiet zammew kontijiet sewwa u b'mod ordnat din it-tilwima setghet tigi evitata. It-Tribunal jifhem ukoll illi huwa l-*

*konvenut , li huwa l-bniedem responsabbli ghas-sistema ta' kontabilita' u ghall-hrug ta' ricevuti, izda ra li llum hemm sistema ta' kontabilita' li tidher ordnata. L-importanti li l-ammonti jigu entrati sewwa u kif suppost sabiex jigu evitati ekwivoci fil-futur.*

*Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut irodd lura lill-attur is-somma ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37) bl-imghaxijiet mill-1 ta' April 2008 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Spejjez sopportati mill-konvenut'.*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Carmelo Attard fejn talab lill din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) tal-21 ta' Jannar 2011, billi filwaqt li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, tichad it-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-attur Saviour Tabone fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrigetta dan l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Gimgha, 8 ta' April 2011. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz, u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta' Gunju 2011.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan huwa appell mid-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 16 ta' Frar 2010 fejn sostniet li t-talba attrici kienet giet ippruvata peress li rrizulta li l-attur kien hallas darbtejn l-istess somma ta' €2,329.37 lill-konvenut u ghalhekk ordnat lill-istess konvenut sabiex irodd lura lill-attur is-somma ta' elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u

sebgha u tletin centezmi (€2,329.37) bl-imghaxijiet mill-1 ta' April 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi l-appell tal-konvenut huwa bbazat fuq kwistjoni ta' ezami mill-gdid tal-provi u dokumentazzjoni migjuba quddiem it-Tribunal, u jikkonsisti fl-aggravju li effettivament il-kont thallas biss fis-sena 2009 skond ma jidher mid-Dok. “ST 4”) u ghalkemm hemm il-kelma paid fuq il-kont datat 21 ta' Marzu 2006 esebit bhala Dok. “ST 2”, hemmhekk ma sarx il-hlas tal-imsemmi ammont mertu tal-kawza odjerna, u tant huwa minnu dan li l-istess amonnt ta' Lm1,000 (€2,329.37) baqa' jidher fl-invioces sussegwenti sakemm gie saldat fis-sena 2009, u huwa kien kiteb il-kelma paid kemm fuq dik l-ahhar invoice u kemm fuq ir-ricevuta ta' qabel, b'mod allura li qed jghid li l-kema “paid” tnizzlet fuq kull dokument biss fis-sena 2009 meta effettivament qed jallega li gie saldat il-kont. B'hekk huwa qed isostni li l-attur ma ppruvax l-allegazzjonijiet tieghu u izjed minn hekk il-konvenut ipprova dak minnu allegat.

Illi l-appellat jikkontesta dan kollu u jghid li l-ewwel darba li kien hareg il-kont li jindika l-bilanc ta' Lm1,000 dovuta mill-attur lill-konvenut ghal-self kien fl-1 ta' Gunju 2004 (Dok. “ST1”), u peress li l-ammont kien ghadu ma thallasx l-istess ammont gie imnizzel fl-invoice datata 21 ta' Marzu 2006 (Dok. “ST 2”) u dan mizjud ma ammont iehor ta' Lm1,888, b'dan li l-bilanc kien jammonta ghall-Lm2,888, liema ammont gie saldat dak in-nhar tant li fuq l-istess dokument hemm l-ittra “paid” miktuba mill-konvenut, li l-konvenut lanqas cahad li giet miktuba minnu; hareg it-tielet kont fis-sena 2008 (Dok. “ST 3”) fejn xorta wahda baqa' jidher l-ammont ta' Lm1,000, u jidher li hemm il-bilanc kien ta' Lm691 u b'hekk l-ammont mitlub rega' thallas, bil-konsegwenza allura li l-kont thallas darbtejn, ghaliex fid-Dok. “ST 4”, fejn jirrizulta li rega' issemiet is-somma ta' Lm1,000, il-bilanc hemm indikat kien ta' Lm691 li gie pacut ma' prezz ta' baqar u ta' ghoggiela u bhejjem u ghalhekk jirrizulta li l-istess somma ta' Lm1,000 thallset darbtejn l-ewwel fuq id-Dok. “ST 2” u l-ohra fuq id-Dok. “ST 3”. B'dan ghalhekk l-appell ghandu jigi michud.

Illi din il-Qorti thoss li wara li eziminat il-provi kollha prodotti, ma thossx li hemm xi raguni ghaliex hija ma ghandhiex taqbel mat-Tribunal, li fid-decizjoni tieghu spjega fid-dettal ghaliex wasal ghad-decizjoni tieghu, u dan huwa riportat fl-istes sentenza hawn riprodotta fejn jidher car li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-konvenut stess kiteb il-kelma “paid” fuq zewgt dokumenti Dok. “ST 2” u Dok. “ST4”, li t-tnejn jinkludu l-istess ammont ta’ Lm1,000, u minn dan it-Tribunal ikkonkuda li l-attur kien hallas bi zball lill-konvenut l-istess ammont darbtejn, u l-ispjegazzjoni tat-Tribunal, li kellhu l-opportunita’ li jisma’ x-xhieda hija wahda cara, dettaljata, u spjegata u motivata, bil-kulmina taghha fit-tielet paragrafu ta’ pagna 8 tal-istess decizjoni tat-Tribunal, li din il-Qorti thoss li kienet konkluzzjoni li t-Tribunal wasal u setgha jasal ghaliha proprju fuq id-dokumentazzjoni prezentata quddiemu u maghmula mill-konvenut stess u xejn f’dan l-appell ma jista’ jinghad li jista’ jwassal lill din il-Qorti biex b’xi mod tbiddel jew tirrevoka l-istess decizjoni, ghaliex l-appell huwa mibni biss fuq kongetturi li bl-ebda mod ma huma kredibbli u lanqas jistaw iwasslu sabiex ixejjnu dak li nstab u gie deciz fl-istess decizjoni tat-Tribunal.

Illi dan qed jinghad ukoll fl-isfond tal-principju li f’materja ta’ apprezzament ta’ provi, id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti ma ghandux normament jigi ddisturbat minn din il-Qorti ta’ l-Appell ghaliex dan ghandu jsir biss f’cirkostanzi eccezzjonali fejn jigi ppruvat li l-apprezzament ta’ provi mill-Qorti tal-ewwel istanza kien tant zbaljat li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, qatt ma setghet tasal ghalih, u b’hekk kienet ser tinholoq altrimenti ingustizzja, kieku l-istess apprezzament bejn il-partijiet, kieku l-istess apprezzament kellhu jigi adottat u kkonfermat minn din il-Qorti, u certament li dan ma huwiex kaz fejn tezisti din l-eccezzjonalita’ anzi jidher li t-Tribunal ta decizjoni ben motivata, fejn studja fid-dettal id-dokumenti kollha prodotti quddiemu, u ta sentenza studjata, kif suppost kellhu jaghti, u kif ghandhom ikunu decizjonijiet ben motivata u spjegati, u allura ma hemmx lok li din il-Qorti tbiddel u wisq inqas tirrevoka l-istess sentenza (**“Carmelo Agius vs John Agius”** – A.C. – 2 ta’ Dicembru 1994).

Illi kif sewwa qal l-appellat meta ccita s-sentenza **"Joseph Grech Sant nomine vs l-Avukat Dr. Riccardo Farrugia nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997):-

*"Dan hu proprju wiehed minn dawk il-kazijiet fejn din il-Qorti ta' revizjoni ma' ghandhiex – bla raguni u impellelenti – tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula minn l-ewwel Qorti. Hu car illi kienet dik il-Qorti li kellha l-okkazzjoni li tisma' x-xhieda delikata u determinata viva voce, li kellha l-opportunita' li tivvaluta l-komportament u l-bixra tax-xhud u kif dan irreagixxa taht il-piz tal-kontro ezami mhux biss tal-Qorti imma ta' l-abbli difensuri".*

Illi fuq kollox din il-Qorti thoss li xejn minn dak li nghad fl-istess appell ma jista' jxejjen il-fatt li l-konvenut stess kieteb "paid' kemm fuq id-Dok. "ST 2" u kemm fuq id-Dok. "ST 4", u dawn iz-zewgt dokumenti kienu jinkludu l-istess ammont ta' Lm1,000; ma dan jizdied li dak li qed jghid illum, u cjoe' li kiteb il-kelma paid fuq iz-zewgt dokumenti biss fis-sena 2009, huwa argument li jidher li qam biss f'din l-istanza, tant li l-istess appellant, ghalkemm kellhu l-opportunita' lanqas pprezenta nota ta' osservazzjonijiet quddiem it-Tribunal, meta kellhu l-fakolta' kollha jaghmel dan u jipprezenta f'dak l-istadju dan l-argument, u dan juri leggerezza mill-konvenut li f'dan l-istadju huwa difficli hafna li tigi rrimedjata, konsiderandi l-atti attwali tal-kawza (**"Margaret Vella vs Salvu Parnis"** (A.C. – 25 ta' Settembru 2006) . Jinghad ukoll li l-appellant ma jidhirx li semma li meta l-attur induna bl-izball ta' hlas doppju tas-somma ta' Lm1,000, huwa kien offra li jhallas is-somma ta' Lm500, u dan minkejja li dan huwa ammess minnu fix-xhieda tieghu datata 15 ta' Ottubru 2010, haga li din il-Qorti jhoss li l-konvenut ma kienx jaghmel kieku ma' kienx konxju ta' dak li jirrizulta mid-dokumenti redatti minnu stess, li juri li sar pagament ghall-istess somma ta' Lm1,000 mertu tal-kawza odjerna. Fil-fatt din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi hija, hija wkoll taqbel ma' dak deciz mit-Tribunal u mal-konkluzzjonijiet hemm raggunti u ghalhekk l-appell interpost mill-appellanti qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat attur datata 3 ta' Marzu 2011 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Carmelo Attard fir-rikors tal-appell tieghu datat 11 ta' Frar 2011** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Carmelo Attard.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------